***Kunsill Lokali Marsaskala***
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 15**

**It-Tlieta 19 t'Awwissu 2025.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Janice Falzon – Viċi Sindku
Beverly Saliba – Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**15.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li il-Kunsillier is-Sinjura Bevelery Saliba qalet illi jista jkun li tidħol tard jew inkella ma tattendix.

**15.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti: Laqgħa 14 li saret Nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju 2025:***

**Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fil-minuti. Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni

**15.2.2** ***Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 14 li saret Nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju 2025:***

**15.2.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 2 14.2.2 jekk il-Kunsill għandux risposta meta ser jibda ix-xogħol.

*Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech infurmah illi l-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta.*

**15.2.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 2 artiklu 14.2.2.3 jekk ġibnix il-kwotazzjoni taz-zebgħa.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi z-zebgħa mixtrija u daqt se jinbeda ix-xogħol.

**15.2.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 14.2.2.8.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi fis-seduta li għaddiet batilna stima l-Perit is-Sur William Lewis.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Perit William Lewis huwa l-Perit ta Infrastructure malta u konna qbilna jekk aħna nistgħux ngħamlu l-affarijiet ta' ġewwa u huma jagħmlu l-bini u konna qbilna li ser nkellmu lill Ministru tal-Cleansing fuqha.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Onor Bedingfield għandu x'jaqsam mal-lattrina taz-Zonqor .

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqgħa ta' malajr mal-Perit Bonanno u ltaqgħu ħdejn il-kamra tal-cleaners ir-ramla li mid-derha ser tittieħed parti minnha mis-sid tal-għalqa fejn aċċetta li tittieħed biċċa minna u tiġi lattrina, qal ukoll li kif qiegħed jitkellem fuq il-lattrini għamel referenza għall-lattrini fil-Peru fejn għandhom attendant magħhom, kompla jgħid li kellem lis-Sur Hall fejn qallu li jista jibgħatilna ħaddiema biss biex jaħdmu bħala attendant mal-lattrini iġifieri tindif ukoll.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-problema li l-lattrini jiftħu kmieni filgħodu u jingħalqu tard filgħaxija u l-ħaddiema m'humiex ser jaħdmu dawn is-siegħat apparti l-fatt li hemm kuntrattur diġà.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi nistgħu ukoll nibdew din is-sistema la darba jsiru ir-refurbishments tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi li ġewwa lattrina ma jkunx hemm toilet paper tħoss li xi ħaġa ma tagħmilx sens.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li jaqbel però inutli tagħmel it-toilet paper biex in-nies dejjem joħduhom.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi nistgħu nagħmluha li kull darba li xi ħadd juża il-lattrina iħallas €1.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi sistema li mhux ser taħdem speċjalment ma l-anzjani li jużaw il-lattrina ta taħt il-Knisja.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi irridu nsibu mezz ta kif ikollna attendant mal-lattrini għax hekk biss tissolva l-problema. Il-Kunsill għandu jiċċekkja mall-Cleansing biex jara dwar il-possibilta' ta attendants mal-lattrini il-ħin kollu li issolvi ħafna problemi fosthom vandalizmu, abbuz, serq u ndafa.

**15.2.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 4 artiklu 14.3.3 jekk tawnix l-ispeċifikazzjonijiet tal-monument tal-Kavallieri.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għad le.

**15.2.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 5 artiklu 14.7.2 u meta ser jibda ix-xogħol.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ftiehem ma' Simon Muscat il-kuntrattur tal-Kunsill u kellu jiċċekkja s-saqaf tal-lattrina ta' San Tumas f'nofs Settembru.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jek jaqbad jiftaħ u l-Perit iħoss li hu ta' periklu jaf jgħidlek talaq il-lattrina u f'daż- żminijiet ma naffordjawx li ngħamlu dan.

**15.2.2.7** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 2 artiklu 14.2.2.1 rigward it-traffic lights ta' Bellavista fejn qal illi f'din l-area dejjem bl-inċidenti u ilna għaddejien xi tlett snin fuqha u ma wasalna mkien u din xi ħaġa bażika u li qed tkun ta' ħafna periklu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm bżonn li jsir aktar pressjoni fuqha.

**15.2.2.8** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 14.2.2.5 fuq law enforcement qal illi hemm bżonn li jsiru laqgħat frekwenti mall-Community police.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dawn il-laqgħat diġà jsiru.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hemm spettur ġdid u ser itina data tal laqgħa li jmiss u kif ikollu din id-data jinforma lill Kunsilliera min irid jattendi.

**15.2.2.9** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 14.2.2.6 il-Kuntrattur tat-tarmak.

Il-Kunsillier is-Sur Josef Grech qal illi kellem lil Kuntrattur is-Sur Jake Borġ u qal li lest jaħdem però qas għadu tana l-performance bond u hu ċempillu ġimgħa ilu u qallu li għandu jiġbor ħafna flus min WSC u ma jistax jgħamel *performance bond*.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma nistgħux nibqgħu sejrin hekk.

Il-Kunsillier is-Sur Josef Grech qal illi hu ma jistgħax itih xogħol mingħajr *performance bond.*

Il-Kunsillier is-Sur John qal illi ilna nistennew u ħlejna diġà tlett xhur, qal li hemm Triq tal-Gardiel hemm bżonn patching tajjeb u saret biss nofsa sa issa u dan ix-xogħol sar mill-Gvern Ċentrali.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Mary rose Mifsud daħlet 18:36.***

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Janice Falzon daħlet 18:39.***

Il-Kunsill qabel li nibgħatu ittra lill-Kuntrattur is-Sur Jake Borġ u ntuh ġimgħatejn ċans sabiex itina l-performance bond u jekk dan ma jsirx nqabbdu l-Avukat tal-Kunsill biex nitterminaw il-Kuntratt mas-Sur Jake Borg għaliex għaddew aktar min 8 xhur u għadu ma ġabx il-*performance bond* u nmorru għat tieni bidder.

**15.2.2.10** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 artiklu 14.3.1 qal illi ser jinkrew 150 siġġu qal illi l-ikbar spiża kienet tal-Pulizija l-gwardjani privati.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal illi s-sena l-oħra sar żball bil-karrijit għaliex bdew jidħlu fil-pjazza jifqu post fejn min kien hemm bilqeda spettaturi u ma setgħax jara.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi mhux ser tkun l-istess din is sena għaliex il-palk ġej fejn jarma tal-ġelat u s-siġġijiet ħa jkunu fuq il-bankina min ħdejn tal ġelat l-isfel.

**15.3** <u>**Komunikazzjoni mis-Sindku:**</u>

**15.3.1** <u>**Skeda ta' ġbir ta' skart domestiku:**</u>

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jaf li hemm l-iskeda tal-iskart però hu u l-Kunsill qed jaffaċjaw ilmenti ta' kuljum fuq it-traskuraġni u l-abbuz li hawn fuq il-ġbir ta' skart u għalkemm hu jaf li dawn issa ġew f'idejn ir-reġjun però f'dawn is-sentejn in-nies ma tgħalmux u jemmen li dan qed isir għaliex ma hemmx infurzar biżżejjed u mhux jgħatu ċitazzjonijiet. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi t-Tnejn u l-Ġimgħa huma l-għar jumejn għaliex joħorġu l-borza s-sewda biex tinġabar l-għada. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu tkellem anke ma l-ERA dwar dan u qalulu illi min naħa tal-Gvern Lokali l-iskop hu li l-borza s-sewda tiġi eliminata. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk il-Kunsill jaqbel, noħorġu direct order b'van privat li kuljum idur il-hot spots tal-lokal u jiġbor dak li jifdal fit-triq.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi hekk jabbużaw aktar, hu qal illi apparti n-nuqqas ta edukazzjoni jħoss li l-problema hi li hawn ħafna turisti li jiġu għal ftit u ma jsegwux l-iskeda kif suppost.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi bħala ideja hija tajba però hekk in-nies aktar jittraskuraw.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kuntrattur preżenti fadallu kuntratt għal tlett snin oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li bħala Kunsill niġbdu l-attenzjoni li maħnix kuntenti bis-servizz u apparti min hekk hu daħlulu ilmenti li t-trakk tal-iskart qed ikun jinten ħafna u ta sikwit qed jagħsar l-iskart f'nofs tat-triq u jħalli intina kbira.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu m'huwiex kontra l-ideja li qal is-Sindku però hu jħoss li van qas hu biżżejjed però li nistgħu ngħamlu hu li niktbu lir-Reġjun,lil ERA u l-Ministeru. Hu qal illi kien hemm enfazi kbira biex il-trakk ikollu ċertu standards biex issa f'daqqa waħda it-trakk dejjem maħmuġ u jinten. Għalhekk tajjeb ninfurmaw bdaw in-nuqqasijiet lir-Reġjun u ngħidulhom illi jekk is-sitwazzjoni mhux ser tittranġa l-Kunsill lest li joħroġ min dan il-kuntratt ta ġbir ta' skart.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi fl-opinjoni tiegħu inżidu l-ġbir tal borża s- sewda darb'oħra fil-ġimgħa.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma tistax għaliex din tmur kontra il-liġi.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma nistgħux inzidu fl-iskeda tal-ġbir ta' skart għaliex tmur kontra il-liġi tal-pajjiz u lanqas il-proposta ta' dan il-vann mhijiex vijabbli għaliex kull kollettur tal-iskart irid ikun awtorizzat u magħruf mil-awtortiajiet ikkonċernati.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi bl-ammont ta' popolazzjoni u ammont ta' skart fil borża is-sewda jaf it-trakkijiet mhumiex biżżejjed.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi mhux dik il problema, għaliex l-iskart kollu jinġabar, il-punt hu li meta suppost ir-resident ħareġ il-borża filgħodu kmieni joħorġuha wara nofsinhar jew filgħaxija, apparti l-fatt li fiha jitfgħu min kollox, għalhekk li zzid il-frekwenza ma tgħamilx sens.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi l-Kunsill kellu sistema ta' ġbir ta' skart tajba ħafna u li hemm bħalissa mhijiex taħdem.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet illi la mhux taħdem għalina tajjeb li noħorgu bi proposti.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu lanqas jieħu risposta mingħand il-kuntrattur meta jipprova jiġbidlu l-attenzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B  Camilleri qal nistgħu ngħidu li wara sentejn is-servizz mar għal għar u bħala Kunsill qatt ma nistgħu ngħaddu l-ilmenti tagħna għaliex il-Kuntrattur jirrispondi biss ma minn għandu l-Kuntratt.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi tajjeb li nkellmu r-reġjun , hu qal illi r-reġjun tagħna huwa l-unika wieħed li għadu ma bedix jinforza illi meta l-kuntrattur ikun qed jaħdem irid jixgħel il-kamera.

Kien hemm qbil illi  tintbgħat email lil President tar-Reġjun u jikkopja lid-Direttur ġenerali tal-Kunsilli lokali fejn ninfurmawhom li l-Kunsill mhux kuntent bis-servizz u jekk dan ma jinbidilx il-Kunsill lest li joħroġ mill-kuntratt tal-ġbir ta' skart.

Kien hemm qbil unanimu.

**15.3.2** **<u>Skips ħdejn Villa Sant Anna:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-iskips li hemm ħdejn Villa Sant Anna qed ikunu dejjem mimlijin u jħoss li dawn skips li hemm imorru il-bidni fejn ser isiru l-cameras biex b'hekk jiqaf l-abbuz.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi la hemm id-domanda għalihom ma tħossx li għandna għalfejn nbidlulhom posthom.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi nistgħu forsi naqsmhuom.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri staqsiet jistgħux jiġu mbattla aktar spiss.

Is-Segregtarju Ezekuttiv qal illi mhux possibbli, il-Kuntrattur mhux imħallas mill-Kunsill u konna staqsejna diversi drabi diga' fil-passat.

Kien hemm qbil li ngħamlu erba minnom imorru qabel il-lattrina ħdejn il-bajda u sewda u erba minnom imorru l-bidni u titneħħa anke l-kamera li hemm ħdejn Villa Sant Anna.

**15.3.3 Tindif ta' culverts:**

Is-Sindku s sur mario Calleja qal illi wasal iz żmien li inaddfu l culverts bħal kull sena u qbilna li nqabbdu lil General Ecological.

**15.4 *Tweġibiet għall mistoqsijiet tal-Kunsilliera:***

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**15.5 Rapporti:**

Ma kienx hemm rapporti.

**15.6 Items oħra ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

Ma kienx hemm items oħra.

**15.7 Korrispondenza:**

**15.7.1 Credit Note Case Waste Rejects 2023:**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dan il-kont il-Kunsill ma ħalsux għaliex kien jaf li ma kienx fir-responsabilita' tal-Kunsill u issa jidher li r-Reġjun qablu ma dan u bgħatulna credit note u dawk il-Kunsill Lokali kollha li ħallsu ġew rifuzi lura l-flus.

**15.7.2 Broken pavement (35/1879/25/I):**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal hemm parti min Triq il-Maħsel inqas min 10 metri.

Kien hemm qbil li issir mill-Kuntrattur.

**15.7.3 Quotation for the reconstruction of Public Convenience at St Thomas Bay (35/1882/25/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi irċivejna l-istima u jekk il-Kunsill ser jgħamel il-finishes dawn stimat għal € 44,000 u din tkun in-nefqa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi f'dak il-kaz il-Kunsill irid joħroġ tender għalhekk ser nibqgħu f'kuntatt u meta jkun iz-zmien il-Kunsill joħroġ it-tender.

**15.7.4 Talba ta' informazzjoni b'rabta mal-bandli Alfred Debono (35/2125/25/I):**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi r-railing li kien hemm perikoluż ġie irranġat kollu, hu qal illi it tapit jistgħu jinbidlu partijiet minnu però mhuwiex fi stat ħazin u nżeraw anke arbuxelli.

**15.7.5 NETTAG+ beach clean up (35/1992/25/I) (35/2120/25/I) (35/2114/25/I):**

Il-Kunsill qabel ma din l-attivita li ssir fl-1 ta' Settembru 2025 u se nixtru l-affarijiet li għandhom bżonn għat-tindif kif rikjest minnhom.

**15.7.6 Ħinijiet tal-ġbir tal-iskart:**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi f'din l-email ir-Reġjun qed jitolbu l-kummenti u l-opinjoni ta' kull Kunsill dwar il-proposta illi l-iskart jibda jinġabar mal-lejl però iħoss illi min naħa tagħna għandna ninfurmawhom illi l-problema qeda fis-servizz mgħoti lilna kif diġà iddiskutejna qabel.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi fl-email qed isaqsu biex is-servizz jibda jinġabar l-iskart filgħaxija u fil-lokalita` ta' Marsaskala din ma taħdimx.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu kien ġo laqgħa u kien hemm diskussjoni li jaqilbu l-lokalitajiet kollha filgħaxija u ħarġet din l-email biex jaraw hux sistema li tista issir għal kulħadd jew le, hu qal illi Marsaskala filgħaxija jkollok ix-xatt kollu nies.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi jekk ikun hemm mqar żewġ Kunsilli li ma jaqblux ma jaħsibx li tista issir.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi l problema mhux ħa tisolva b'din is-sistema.

Il-Kunsill unaniment ma qabilx li l-iskart jinġabar filgħaxija.

**15.7.7** <u>**Vehicle damage report SBB002 (35/1941/25/I):**</u>

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan il-persuna qed jgħid illi kien qed isuq u ra z-zebra crossing u kif għadda min fuqha nqasmiltu biċċa mill-windscreen u ġew ikkaġunati diversi ħsarat ma ndunax li kienet humped zebra crossing peress li ma kienx hemm tabella li turi dan minn qabel u għalhekk ma naqqasx il-veloċita' tal-vettura anke jekk kien hemm tabelli li turi li ġejja zebra crossing però hu qed jargumenta għaliex ma kienx jaf li hi *sleeping policeman*.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi allaħares kien qed jaqsam xi ħadd għax kienet tkun traċedja.

Il-Kunsill qabel li dan il-klijent m'għandux jingħata l-ebda rifużjoni.

**15.7.8** <u>**Suggestion (35/2014/25/I):**</u>

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi avviċinawh xi residenti fejn saqsewh fuq il pjazza lorry Sant fejn taw is suġġeriment illi l-karozzi f'dawn iz-zewġ toroq jiġu jiċċirkolaw permezz tal-introduzzjoni ta' one ways.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill japplika għal permess finali minn Transport Malta.

**15.7.9** <u>**PA/04581/23 PA04581/23 Proposed demolition of existing building and construction of 4 residential dwellings, class 3B hotel with underlying basement garages, proposal includes also construction of pool and fixing of frascia sign 18/20 Triq San Gwakkin:**</u>

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-seduta li jmiss fuq dan il-kaz ser tinstema fis-6 ta' Novembru 2025

**15.7.10** <u>**Possibilita ta' kollaborazzjoni bejn servizz.gov u l-Kunsill Lokali ta' Wied il-għajn:**</u>

Is-Segretarju ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi servizz.gov jixtiequ li jużaw l-binja tal-Kunsill biex jgħatu servizzi governattivi però ma hawn spazzju għal dan.

Kien hemm qbil li ma naċċettawx għaliex ma hawnx spazzju peress li l-unika sala li għandna diġa tintuża regolarment matul il-ġimgħa.

.

**15.7.11 Applikazzjoni PA 4579/25:**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dik l-applikazzjoni tad-dar tax-xjuħ waslet biex tingħalaq fil-25 t'Awwissu 2025 u hu xtaq li illum niddeċiedu hux ser noġġezzjonaw jew le għaliex dik l-*area* hija ODZ.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illu hu joġġezzjona għaliex jekk ħa nibqgħu nimlew il-bini lanqas ser ikun hawn distinzjoni bejn lokalita' u oħra.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-popolazzjoni ta' Marsaskala qed tixjieħ u hemm bżonn ta' djar tal-anzjani.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi din l-applikazzjoni għandha proposta ta' bini ta' erba sulari minn ground floor u hemm bzonn li nieħdu ħsieb l-għelieqi tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi din għanda erba sulari min fuq l-art u jekk mhux ser jieħdu ħsieb l-għelieqi tagħna.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dak huwa xgħari.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal illi il-Perit qalilhom illi s-sid jekk irid għandu l-permess biex issir yard għar-ready mix.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Periti meta ltaqgħu magħna tawna l-vista tagħhom x'inhi u għednilhom li riedna niddiskutuha qabel nieħdu deċiżjoni, hu qal illi l Perit qal illi skond l-istatistika l-popolazzjoni ta' Marsaskala hija l-ixjeħ waħda meta dan mhux vera għaliex hi l-aktar waħda żagħżugħa, ħallejna li issir pompa u issa ser jitilaw erba sulari ħdejha, apparti min hekk ser iżżid ħafna traffiku diġà għandna konġestjoni kbira bil-pompa li saret anke jekk qalulna li ser isir Traffic management u ma sar qatt.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hawn ruxmata applikazzjonijiet ma' Malta u Għawdex kollha , qal ukoll li d-dar tal-anzjani f'Marsaskala mimlija b'nies li mhumiex mil-Lokal, għax kieku jkollna problema li l-anzjani tagħna m'għandhomx fejn imorru jifima pero mhux il-kaz.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi issa nafu x'inhuma l-livelli ,il-parkeġġ, il-foothprint, nafu ukoll li ma hemm l-ebda kundizzjonijiet ta' prijorita lir-resident Skaliz. Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi l-applikazzjoni qeda hemm biex l-awtorita' tal-ippjanar tippermetti biex din il-proposta tiġi approvata tista issir jew le indifferentament min hu s-sid tal-art għax jistajkun li l-applikant m'huwiex is sid jew jagħmel arranġamenti mas- sid pero l-Kunsill ma jidħolx fiha li jidħol fiha l-Kunsill hija l-applikazjoni għad-dar ta' l-anzjani. Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi li tħassbu hija biss li meta tara l-applikazzjonijiet kollha li hawn f'Malta u Għawdex kollha wisq jaħseb li għaliex fuq art ta' dak it-tip ma tistax tgħamel strutturi residenzjali allura wieħed qed juza din it tip ta' kriterja biex għada pit għada jasal għal xi ħaġa oħra u jħoss li kieku kellu jieħu vott jivvota kontrija għaliex iħoss li qed nibnu f'kull biċċa art prestina li fadal.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma ninsewx illi l-Kunsill kien oġġezzjoni għal pompa tal-petrol kif ukoll għaz zewġ applikazzjonijiet oħra waħda minnhom biex jagħmel supermarket u uffiċini fl-istess area u applikazzjoni oħra ta' supermarket ieħor u dejjem oġġezzjonajna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qed jipproponi illi l-Kunsill joġġezzjoni għall-applikazzjoni PA04579/25 għal dawn ir ragunijiet:

- Ser tkun qed tmiss ma pompa tal-petrol.
- Ser tikreja problema tat-traffiku u parkeġġ
- Ser tittieħed biċċa art oħra ODZ.

- L-analizi li saret li Marsaskala huwa Lokal bl-aktar nies anzjani fih mhijiex minna izda pjuttost kontra għaliex Marsaskala huwa l-iktar local li għandu popolazzjoni ta zagħzagħ.
- Il-Kunsill diġa ma qabilx ma applikazzjonijiet oħra f'dik l-area għaliex per prinċipju ma naqblux li ikun hemm bini ġo ODZ.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford semma li hemm ħafna art fiż-żona proposta ta' din l-applikazzjoni fejn l-izvilupp huwa permissibli u li allura m'huwiex ODZ. Il-Kunsill qabel fi principju li ma jista jsir l-ebda żvilupp fiż-żoni ODZ li hemm ġo din l-applikazzjoni filwaqt fejn hu permissibli li jsir żvilupp, il-Kunsill mhux ser joġġezzjona. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**15.8 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

**15.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta kont li daħal tard tas-Sur John Camilleri għas-servizz ta ħaddied għax xahar ta' Lulju/Awwissu b'invoice no 373,371 li jammonta għal €1681.50, €1711.00.

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta kont li daħal tard tas-Sur Mario Mallia għas-servizz ta swing seat għax xahar ta' Awwissu b'invoice no 3184 li jammonta għal €264.

**15.8.2** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr Errol Cutajar issekonda. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni

➢ Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech ipprezenta korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed isaqsi il-Kunsill jekk huwiex favur illi jsiru tabelli fejn ma tistax tpejjep il-kannabis.

Kien hemm qbil unanimu.

**15.9** Mozzjonijiet:

**15.9.1** ***<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar (Nru 047-12/8/25)</u>***

Jipproponi sabiex bla telf ta' żmien jitneħħew l-iskips tal-ħwienet min fuq il-promenade. Mhux ġust li kull min jgħaddi min hemm ikollu jagħmel sagrifiċċju u jxomm rwejjaħ ta' ħafna skart inkluz ikel u fdalijiet tal-ħut li jkun ilu hemm ġimgħa sħiħa fix-xemx.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi daw jitbattlu sarba fil-ġimgħa u mhux biżżejjed, kompla jgħid illi l-iskips huma kbar wisq u l-irwejjaħ li jkun hemm fil-bandli hija insapportabli qal illi hemm wisq skips anke fuq ilpromenade u dawn għandhom ikunu iżgħar u jitbattlu u jitnaddfu jekk jista jkun kuljum.

Kien hemm qbil li nkellmu lil MTA u naraw jekk jistgħax isir infurzar.

**15.9.2** ***<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar (Nru 048-12/8/25)</u>***

Jipproponi sabiex Triq in-Nadur min Triq Vittorio Cassar tiġi one way ukoll peress li min mindu fetaħ super market kbir qed ikun hemm ħafna aktar traffiku u ikunu ħa jaħbtu l-vetturi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jek tinżel minn Triq Vittorio Cassar tista tinżel left jew right dik l-entrattura tal-ħanut issa ġiet ta' periklu iġifieri min ħdejn l-Anici pharmacy sa barra nett u għalhekk jaħseb li tajjeb tiġi no right turn.

Kien hemm qbil unanimu li napplikaw għall approvazzjoni minn Transport Malta

- Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kien hemm ħanut li jrid jgħamel ċumnija kbira ħafna visibli tal-istainless steel, hu qal illi min naħa tiegħu tefa oġġezzjoni l-PA u staqsa jekk il-Kunsill għamilx oġġezzjoni.

  Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech ikkonferma illi tefa l-oġġezzjoni tal-Kunsill.

**15.10** Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru 2025 fis-6.00pm.

| IFFIRMARTI | IFFIRMARTI |
|---|---|
| ______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |